For the round Comino swim, the participants will depart from the Blue Lagoon - Comino point A. They are to swim around Comino in a clockwise direction and return to the Blue Lagoon – point A, as shown on the chart 1 found on Transport Malta (www.transport.gov.mt).

The participating swimmers will follow the route as shown on the attached chart and will be accompanied by a rescue boat.

For the round Cominotto swim, the participants will depart from the Blue Lagoon - Comino point A. They are to swim around Cominotto in an anti-clockwise direction and return to the Blue Lagoon – point A, as shown on the chart 2 found on Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-baħħara huma avżati biex joqgħodu attenti ħafna u jinnavigaw b'veloċità baxxa (No Wake). Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi u jżommu 'l bogħod sew miż-żona matul id-dati u l-ħinijiet stipulati, u jagħtu lill-għawwiema rmiġġ wiesa.

Il-baħħara kollha għandhom jikkonformaw ma' kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjali tal-infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 211A, 2537

It-28 ta' Novembru, 2023

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate at slow speed (No Wake). They are to cooperate with the organisers and keep well clear of the area during the stipulated dates and times, giving the swimmers a wide berth.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement officials on site.

Charts affected: BA 211A, 2537

28th November, 2023

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Assistent Amministrattiv Part-Time

Espressjoni ta' Interess – Ref: EOI/FES/004/2023

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES) qiegħda tippubblika din is-sejħa bl-iskop li tidentifika persuni eliġibbli biex jissottomettu l-interess tagħhom għall-għoti ta' servizz ta' Assistent Amministrattiv fuq bażi part-time. Il-vakanza hija għal perjodu definit ta' sitt xhur b'massimu ta' 20 siegħa fil-ġimgħa. Il-persuna magħżula tkun meħtieġa tipprovdi servizz fuq bażi self-employed u trid tagħti servizz fl-uffiċċju prinċipali tal-entità u fiċ-ċentri ta' Childcare, Klabb 3-16 u Skolasajf.

Għal aktar informazzjoni dwar din is-sejħa ta' interess il-pubbliku jista' jżur is-sit (https://fes.gov.mt/procurement/).

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika fuq (procurement.fes@gov.mt) bin-numru ta' referenza li jidher hawn fuq u għandhom jinkludu dawn id-dokumenti:

CV dettaljat;

ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-pulizija datat mhux aktar minn sitt (6) xhur mid-data tal-applikazzjoni;

kopji taċ-ċertifikati oriġinali;

dokumenti oħra relatati u l-kriterji ta' eleġibiltà kollha kif jidhru fi klawsola 4 tad-dokument tas-sejħa ppublikat fuq is-sit elettroniku tal-FES.

Din is-sejħa tagħlaq il-Ħamis, 14 ta' Diċembru, 2023.

It-28 ta' Novembru, 2023

FOUNDATION FOR EDUCATIONAL SERVICES

Part-Time Administration Assistant

Expression of Interest – Ref: EOI/FES/004/2023

The Foundation for Educational Services (FES) is hereby publishing this call with the purpose of identifying eligible applicants to submit their interest to provide Administrative Assistant duties on a part-time basis. The post is for a definite period of six months up to a maximum of 20 hours per week. The selected applicant shall provide the service on self-employed basis and shall be required to provide support to the entity's Head Office, Childcare Centres, Klabb 3-16 Centres and Skolasajf Centres.

More information about this Expression of interest can be obtained from (https://fes.gov.mt/procurement/).

Applications are to be sent via email to (procurement.fes@gov.mt) quoting the reference number stipulated above and including the following documentation:

a detailed CV;

a certificate of conduct issued by the Police dated not earlier than six (6) months from date of application;

copies of the original certificates;

all other supporting documents and all eligibility requirements listed in clause 4 of the RFQ document published on the FES website.

Deadline for quotations is Thursday, 14th December, 2023.

28th November, 2023

UFFIĊĊJU TAN-NUTAR TAL-GVERN

Lista ta' kuntratti li jaqbżu l-ammont ta' €5,000 VAT eskluża mill-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern għall-perjodu l-1 Jannar, 2023 sat-30 ta' Ġunju, 2023 ippublikata skont ir-Regolament 111(2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi S.L.601.03.

It-28 ta' Novembru, 2023

Numru ta' Referenza *Reference Number*	Isem tal-Kuntratt (kif ippubblikat) *Name of Contract (as published)*	Isem tal-Kuntrattur *Name of Contractor*	Tip ta' KuntrattDirect Order/Kwotazzjoni/ Offerta *Contract Type Direct Order/Quotation/ Tender*	Data tal-Għotja *Award Date*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract value Excluding VAT*
SPD/2023/014	Services Tender to Perform Customer- Care Oriented Services, Scanning and Cataloguing at the Notarial Archives	Signal 8 Security Ltd	Tender	20/4/2023	386,802
NTG 1/2023	Rental of storage space	Rentastore Malta Ltd	Quotation	28/2/2023	10,000
NTG 4B/2023	Paintwork, Plastering and Gypsum works at the Office of the Notary to Government	5H Limited	Quotation	12/6/2023	8,500
NTG/DO/KSL/3 – Notary to Government	Performance of Customer-Orientated Services, Scanning & Cataloguing at the Notarial Archives, Valletta	Kerber Security Limited	Direct Order	11/2/2023	10,000
NTG/DO/KSL/4 – Notary to Government	Performance of Customer-Orientated Services, Scanning & Cataloguing at the Notarial Archives, Valletta	Kerber Security Limited	Direct Order	1/4/2023	10,000

OFFICE OF THE NOTARY TO GOVERNMENT

List of contracts awarded which exceed the amount of €5,000 excluding VAT by the Office of the Notary to Government between 1st January, 2023 and 30th June, 2023, in terms of Article 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03.

28th November, 2023

ENGINEERING RESOURCES LIMITED

Skont ir-Regolament 111 (2) tar-Regolamenti tal-Kuntratti Pubbliċi, L.N. 352 tal-2016, id-direct order li ġejja ġiet mogħtija minn Engineering Resources Limited fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża għal kuntratt ta' servizz ma':

Dakar Systems Ltd. sabiex jipprovdu 'additional capacity' fis- sistema tal- HR u Payroll, għal ħames snin, mit-2 ta' Mejju, 2023 għall-prezz ta' €36,100 VAT eskluża.

It-28 ta' Novembru, 2023

ENGINEERING RESOURCES LIMITED

In terms of Regulation 111 (2) of the Public Procurement Regulations, L.N. 352 of 2016, the following direct order was awarded by Engineering Resources Limited within the Ministry for the Environment, Energy and Enterprise for a contract of service with:

Dakar Systems Ltd. to provide the additional capacity of Dakar HR & Payroll System with a five-year maintenance and support agreement from 2nd May, 2023 for the cost of €36,100 VAT excluded.

28th November, 2023

KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skont Artikolu 70 (1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), l-laqgħa Annwali tal-Lokalità se ssir hekk kif indikat hawn taħt fis-sala ta' Ċentru Ċiviku fi Triq G. Bessiera, is-Swieqi

Nhar it-Tnejn, 4 ta' Diċembru, 2023 fis-6.15 p.m. għar-residenti tas-Swieqi u l-Madliena.

Ir-residenti kollha huma mħeġġa li jattendu.

It-28 ta' Novembru, 2023

SWIEQI LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with Article 70 (1) of the Local Councils Act (Cap. 363), the annual locality meeting will be held at the Civic Centre Hall in Triq G. Bessiera, is-Swieqi as indicated below:

On Monday, 4th December, 2023 at 6.15 p.m. for Madliena, and Swieqi residents.

Residents are encouraged to attend.

28th November, 2023

KUNSILL LOKALI L-ISLA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skont Artikolu 70 (1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-laqgħa annwali tal-lokalità se ssir nhar il-Ħamis, 14 ta' Diċembru, 2023 fis-6.00 p.m. ser issir il-laqgha pubblika fis-sala tal-kunsill.

Kull min ismu jidher fir-Reġistru Elettorali huwa mħeġġeġ jattendi għal din il-laqgha.

It-28 ta' Novembru, 2023

ISLA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with Article 70 (1) of the Local Councils Act (Cap. 363), an annual locality meeting will be held on Thursday, 14th December, 2023 at the Isla Local Council Hall at 6.00 p.m.

All persons appearing in the last Electoral Register are invited to attend for this public meeting.

28th November, 2023

KUNSILL LOKALI L-IKLIN

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skont l-Artikolu 70 (1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali L-Iklin jgħarraf li se tinżamm laqgħa tal-lokalità nhar it-Tnejn, 4 ta' Diċembru, 2023, fis-6.00 p.m. fis-Sala tal-Kunsill – Triq Dott. Lewis F. Mizzi, L-Iklin li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja li tkun ġejja li għaliha jkunu jistgħu jattendu l-persuni li jidhru fir-Reġistru Elettorali għall-Kunsilli Lokali.

It-28 ta' Novembru, 2023

IKLIN LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with Article 70 (1) of the Local Council's Act (Cap. 363) the L-Iklin Local Council notifies that a locality meeting shall be held on Monday 4th December, 2023, at 6.00 p.m. at the Council Hall located at Triq Dr Lewis F. Mizzi, L-Iklin in which the Council will be considering the financial estimates for the next financial year open to persons appearing in the Local Council's Electoral Register.

28th November, 2023

KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

Laqgħa Pubblika - Baġit 2024

Skont l-Artikolu 70 (1) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali l-Imqabba jgħarraf li nhar it-Tnejn, 11 ta' Diċembru, 2023 fil-5.30 p.m. se tinżamm Laqgħa Pubblika fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Il-laqgħa se tixxandar live fuq l-internet (https://corterm.com/vod/members/mqabba/).

MQABBA LOCAL COUNCIL

Public Meeting - Budget 2024

In accordance with Article 70 (1) of the Local Councils Act (Cap. 363), the Mqabba Local Council notifies that a Public Meeting is scheduled for Monday, 11th December, 2023, at 5.30 p.m. at the Imqabba Local Council's Office. The session will be streamed live on the internet at (https://corterm.com/vod/members/mqabba/).

Ir-residenti Mqabbin huma mistiedna sabiex jattendu u jipparteċipaw f'din il-laqgħa.

It-28 ta' Novembru, 2023

KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba jgħarraf li nhar il-Ġimgħa 1 ta' Diċembru 2023, bejn it-3.00 p.m. u nofsillejl, il-Pjazza tal-Knisja se tkun magħluqa għat-traffiku. Ħadd ma jista' jipparkja fil-pjazza fl-imsemmija ġurnata u ħinijiet huwa ipprojbit.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

It-28 ta' Novembru, 2023

KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba jgħarraf li nhar is-Sibt, 9 ta' Diċembru, 2023, mis-6.00 a.m. sa nofsillejl, il-Pjazza tal-Knisja u Triq Karmenu Ciantar se jkunu magħluqa għat-traffiku. Ħadd ma jista' jipparkja fil-Pjazza tal-Knisja u fi Triq Karmenu Ciantar fl-imsemmija ġurnata u ħinijiet huwa ipprojbit.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

It-28 ta' Novembru, 2023

KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba jgħarraf li nhar il-Ħadd, 10 ta' Diċembru, 2023, mill-4.00 p.m. sal-11.00 p.m., il-Pjazza tal-Knisja se tkun magħluqa għat-traffiku. L-ipparkjar ta' vetturi fil-Pjazza tal-Knisja fl-imsemmija ġurnata u ħinijiet huwa ipprojbit.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

It-28 ta' Novembru, 2023

KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali tal-Imqabba jgħarraf li nhar il-Ħadd, 17 ta' Diċembru, 2023, mit-8.00 a.m. sal-4.00 p.m., il-Pjazza tal-Knisja se tkun magħluqa għat-traffiku. Ħadd ma jista' jipparkja fil-Pjazza tal-Knisja fl-imsemmija ġurnata u ħinijiet huwa ipprojbit.

Residents of Mqabba are welcome to join and engage in this meeting.

28th November, 2023

MQABBA LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Mqabba Local Council notifies that on Friday , 1st December, 2023, from 3.00 p.m. until midnight, Pjazza tal-Knisja will be closed to traffic. Parking of vehicles in the square on the specified day and during the mentioned times is strictly prohibited.

The public transport services will be affected.

28th November, 2023

MQABBA LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Mqabba Local Council notifies that on Saturday, 9th December, 2023, from 6.00 a.m. till midnight, Pjazza tal-Knisja and Triq Karmenu Ciantar will be closed to traffic. Parking of vehicles in Pjazza tal-Knisja and Triq Karmenu Ciantar on the specified day and during the mentioned times is strictly prohibited.

The public transport services will be affected.

28th November, 2023

MQABBA LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Mqabba Local Council notifies that on Sunday, 10th December, 2023, from 4.00 p.m. till 11.00 p.m., Pjazza tal-Knisja will be closed to traffic. Parking of vehicles in Pjazza tal-Knisja on the specified day and during the mentioned times is strictly prohibited.

The public transport services will be affected.

28th November, 2023

MQABBA LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The Mqabba Local Council notifies that on Sunday, 17th December, 2023, from 8.00 a.m. till 4.00 p.m., Pjazza tal-Knisja will be closed to traffic. Parking of vehicles in Pjazza tal-Knisja on the specified day and during the mentioned times is strictly prohibited.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

It-28 ta' Novembru, 2023

KUNSILL LOKALI L-GUDJA

Il-Kunsill Lokali l-Gudja jgħarraf li l-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Gudja

Bejn l-Erbgħa, 29 ta' Novembru, 2023 mis-2.00 p.m. sat-Tnejn, 4 ta' Diċembur, 2023 fis-7.00 p.m. it-triq se tkun magħluqa kollha minn Triq San Mark, il-Gudja bejn Triq William Baker u Triq il-Magħsar.

Nhar il-Ħadd, 3 ta' Diċembru, 2023 mis-7.00 a.m. sal-5.00 p.m. it-triq se tkun magħluqa kollha minn Triq il-Magħsar u parti minn Triq Bir Miftuħ (bejn Triq il-Magħsar u Triq De Warsbergh).

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

It-28 ta' Novembru, 2023

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar is-Sibt, 2 ta' Diċembru, 2023 mis-7.00 a.m. sa nofsillejl ħadd ma jista' jipparkja minħabba avveniment f'Misraħ il-Knisja, Triq San Nikola, Triq l-Oratorju, Triq Karmnu Zarb, Triq il-Wiesgħa u Triq il-Kbira.

It-28 ta' Novembru, 2023

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni tat-Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li nhar l-Erbgħa, 6 ta' Diċembru, 2023 mid-9.30 a.m. sal-4.00 p.m. Triq Caravaggio (mill-kantuniera ta' Triq 31 ta' Marzu sal-kantuniera ta' Triq Dun Salvatore Zarb) se tkun magħluqa għat-traffiku.

It-28 ta' Novembru, 2023

The public transport services will be affected.

28th November, 2023

GUDJA LOCAL COUNCIL

The Gudja Local Council notifies that the Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Gudja

Between Wednesday, 29th November, 2023 from 2.00 p.m. till Monday, 4th December, 2023 at 7.00 p.m. full road closure through Triq San Mark, il-Gudja between Triq William Baker and Triq il-Magħsar.

On Sunday, 3rd December, 2023 from 7.00 a.m. till 5.00 p.m. full road closure through Triq il-Magħsar and part of Triq Bir Miftuħ (between Triq il-Magħsar and Triq De Warsbergh)

Public transport will not be affected.

28th November, 2023

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Parking Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Saturday, 2nd December, 2023 from 7.00 a.m. till midnight no parking is allowed due to an event in Misraħ il-Knisja, Triq San Nikola, Triq l-Oratorju, Triq Karmnu Zarb, Triq il-Wiesgħa and Triq il-Kbira.

28th November, 2023

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic Suspension

The Ħal Għargħur Local Council notifies that on Wednesday, 6th December, 2023 from 9.30 a.m. till 4.00 p.m. Triq Caravaggio (from the corner of Triq 31 ta' Marzu to the corner of Triq Dun Salvatore Zarb) will be closed to all traffic.

28th November, 2023

KUNSILL LOKALI ĦAL QORMI

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi jgħarraf li dawn it-toroq se jkunu magħluqa għat-traffiku u ħadd ma jista' jipparkja fihom:

Nhar it-Tlieta, 5 ta' Diċembru, 2023 mit-3.00 p.m. sal-11.00 p.m. minn Triq San Bartolomew, ħdejn il-knisja ż-żgħira ta' San Sebastjan.

Ħadd ma jista' jipparkja

Vetturi pparkjati jiġu rmunkati.

It-28 ta' Novembru, 2023

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 7 ta' Diċembru, 2023, għal:

Avviż Nru. 59. Kiri għall-perjodu ta' ħmistax (15) -il sena ta' garaxx sal-għoli ta' erbatax (14)-il filata u jinsab fi Sqaq Sant'Antnin, fi Triq Sant'Antnin, il-Ħamrun kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. 2015_0036. Dan il-garaxx huwa f'kondizzjoni tale quale u huwa fl-istat li jinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija. Dan il-garaxx ma jistax jinxtara bl-iskema tal-garaxxijiet. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €3,900 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u tliet mija ewro (€1,300) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 60. Bejgħ ta' Fond f'Nru. 53, Triq Tonna, Tas-Sliema kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D. JO_24_2010. Din il-propjeta hija f'kondizzjoni tale quale u hija fl-istat li tinsab fih inklużi xi difetti li jista' jkun hemm moħbija. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €11,243 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u tnejn u sittin elf u mija u ħamsa u tletin ewro (€162,135) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 61. Kiri, għall-perjodu li fadal tal-kirja preżenti li jintemm fil-31 ta' Mejju, 2028, tal-Ħanut vojt tale

ĦAL QORMI LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Ħal Qormi Local Council notifies that these streets will be closed for all traffic and no parking is allowed:

On Tuesday, 5th December, 2023 from 3.00 p.m. till 11.00 p.m. through Triq San Bartolomew, next to the old St Sebastian church.

No parking is allowed.

Parked cars will be towed.

28th November, 2023

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 7th December, 2023, for:

Advt No. 59. Lease for a period of fifteen (15) years of a garage at the height of fourteen (14) courses (filati), situated in Sqaq Sant'Antnin, Triq Sant'Antnin, Ħamrun as shown edged in red on the plan P.D.2015_0036. This garage's condition is tale quale, in its present state including any latent defects. This premises cannot be bought by the garage scheme. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €3,900 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and three hundred Euros (€1,300) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 60. Sale of the Premises at No. 53 Triq Tonna, Sliema as shown edged in red on the plan P.D. JO_24_2010. This property's condition is tale quale, in its present state including any latent defects. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €11,243 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and sixty-two thousand and one hundred and thirty-five Euros (€162,135) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 61. Lease, for the remaining period of the present lease which ends on the 31st May, 2028, of the bare Shop

quale f'Nri. 79/81, Triq Tal-Borg, kantuniera ma' Triq San Ġużepp, Paola kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2008_85. Il-kerrej prezenti ma jridx jibqa' fil-kirja u terz interessat lest li jidħol għar-rimanenti perjodu ta' din il-kirja. Dan it-terz interessat għandu d-dritt tal-ewwel rifjut riżervat favurih skont Artikolu Nru. 3 (1) tal-Avviż Legali Nru. 573.02. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €1,270 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erba' mija u tnejn u għoxrin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€422.74) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn l-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

It-28 ta' Novembru, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

B'referenza għall-offerta elettronika CFT 020-4451/23. Supply of Various Ostomy Items and CFT 020-4452/23. Supply of Deep Convex Pre-Cut 2 Piece System ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa, 24 ta' Novembru, 2023, id-data tal-għeluq ġiet estiża għat-Tnejn, 18 ta' Diċembru, 2023.

It-28 ta' Novembru, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 29 ta' Novembru, 2023.

ERU2211U23B – Medicinal
ERU2311U23A – Devices
ERU2311U23B – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-28 ta' Novembru, 2023

tale quale No. 79/81,Triq Tal-Borg cornering with Triq San Ġużepp, Paola as shown edged in red and in detail on plan P.D.2008_85. The present tenant does not want to remain in the lease and an interested third party is ready to assume the remaining term of this lease. The interested third party has been reserved the right of first refusal as per Article No. 3 (1) of Legal Notice 573.02. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €1,270 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of four hundred and twenty-two Euros and seventy-four cents (€422.74) per annum will not be considered. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

28th November, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

With reference to the electronic tenders CFT 020-4451/23. Supply of Various Ostomy Items and CFT 020-4452/23. Supply of Deep Convex Pre-Cut 2 Piece System, published in the Government Gazette of Friday, 24th November, 2023 will be extended till Monday, 18th December, 2023.

28th November, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 29th November, 2023.

ERU2211U23B – Medicinal
ERU2311U23A – Devices
ERU2311U23B – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU Website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

28th November, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Sourcing and Supplies Management) għas-Central Procurement u Supplies Unit fil-Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 30 ta' Novembru, 2023.

ERU2411U23 – Medicinal
ERU2411U23A – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-28 ta' Novembru, 2023

CENTRAL PROCUREMENT U SUPPLIES UNIT

Id-Direttur Maniġerjali (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, id-19 ta' Diċembru, 2023. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 020-4454/23. Provvista ta' 0.4 - 0.8ml Serum with gel separator and clot activator tubes with carrier/extension tube
CFT 021-4455/23. Provvista ta' Rifaximin 200 or 550mg tabs
CFT 020-4456/23. Provvista ta' Incontinence Bed Under Pads
CFT 021-4457/23. Provvista ta' Beclomethasone Dipropionate 50 microgram Nasal Spray
CFT 020-4458/23. Provvista ta' Pipelle Du Cornier
CFT 020-4459/23. Provvista ta' Laparascopic Single Use Atraumatic Graspers
CFT 021-4460/23. Provvista ta' Mannitol 15 % - 20 % x 500 ml IV Infusion Fluid

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-28 ta' Novembru, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Sourcing and Supplies Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health, notifies that submissions for the ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. of Thursday, 30th November, 2023.

ERU2411U23 – Medicinal
ERU2411U23A – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU Website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

28th November, 2023

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The Managing Director (Procurement and Supplies) , Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 19th December, 2023. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 020-4454/23. Supply of 0.4 - 0.8ml Serum with gel separator and clot activator tubes with carrier/extension tube
CFT 021-4455/23. Supply of Rifaximin 200 or 550mg tabs
CFT 020-4456/23. Supply of Incontinence Bed Under Pads
CFT 021-4457/23. Supply of Beclomethasone Dipropionate 50 microgram Nasal Spray
CFT 020-4458/23. Supply of Pipelle Du Cornier
CFT 020-4459/23. Supply of Laparascopic Single Use Atraumatic Graspers
CFT 021-4460/23. Supply of Mannitol 15 % - 20 % x 500 ml IV Infusion Fluid

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

28th November, 2023

KUNSILL LOKALI L-QALA

Il-Kunsill Lokali l-Qala jgħarraf lill-pubbliku ġenerali illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS sad-9.30 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, 20 ta' Diċembru, 2023, għal:

Avviż Nru. QLLC/10/2023. Street sweeping and cleaning of urban roads using low emission service vehicle – Qala Local Council

Advt. No. QLLC/11/2023. Works - upgrading of Qala public convenience.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-28 ta' Novembru, 2023

QALA LOCAL COUNCIL

The Qala Local Council notifies the general public that:

Tenders will be received through ePPS up to 9.30 a.m. on Wednesday, 20th December, 2023 for:

Advt. No. QLLC/10/2023. Street sweeping and cleaning of urban roads using low emission service vehicle – Qala Local Council

Advt. No. QLLC/11/2023. Works - upgrading of Qala public convenience.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

28th November, 2023

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2375

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fis-17 ta' Lulju, 2023 fuq rikors ta' BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc (C 41030) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 11 ta' Jannar, 2024 fil-ħdax ta' filgħodu (11:00 am) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Is-sit li jikkonsisti minn warehouse industrijali li qabel kienet tikkonsisti minn plot numru sebgħa u sittin (67), fi Triq John Michael Testa, tal-Ħandaq, limiti ta' Ħal Qormi, li tokkupa art żviluppabbli ta' qies circa mitejn u disgħa u għoxrin metru kwadru (229mk), mibnija fuq żewġ sulari fil-pjan terren u fl-ewwel sular u inkluż basement warehouse taħt l-art, kif ukoll l-arja sovraposta, b'aċċess permezz ta' żewġ bibien mill-bankina ta' Triq John Michael Testa, u jinstab maqsum f'żewġ proprjetajiet semi-indipendenti minn xulxin, konfinanti min-Nofsinhar ma' Triq John Michael Testa u mill-irjieħ l-oħra ma' proprjetà ta' Ta' Ħandaq Developments Limited jew suċċessuri tagħha fit-titolu, kif suġġett għal ċens annwu u perpetwu ta' Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€1.29), mill-bqija libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi tagħha kollha, kif deskritt fil-kuntratt

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 17th July, 2023, on the application of BNF Bank plc previously Banif Bank (Malta) plc (C 41030), Thursday, 11th January, 2024 at eleven in the morning (11:00 am), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Republic Street, Valletta of the following property.

The site consisting of an industrial warehouse previously consisting of plot number sixty seven (67), in Triq John Michael Testa, Tal-Ħandaq, limits of Qormi, which occupies developable land measuring circa two hundred and twenty nine square metre (229sqm), built on two levels on ground floor level and first floor level and including an underground basement warehouse, as well as its airspace, with access through two doors from the pavement of Triq John Michael Testa, and is divided into two properties semi indipendent from each other, which is bounded from the South with Triq John Michael Testa and from other boundaries with property of Ta' Ħandaq Developments Limited or their successors in title, as subject to annual and perpetual ground rent of one Euro and twenty nine cents (€1.29), otherwise free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, as

fl-atti tan-Nutar Dr Antoine Agius fil-ħdax ta' Lulju, tas-sena elf, disa' mija, ħamsa u disgħin (11.07.1995), u stmat li jiswa' miljun u mija u ħamsin elf Ewro (€1,150,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Moderate Ltd (C 17484).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 53/2022.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 23 ta' Novembru, 2023.

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

described in the contract in the acts of Notary Dr Antoine Agius dated eleventh of July, of the year, nineteen hundred and ninety five (11.07.1995), and is valued at one million and one hundred and fifty thousand euro (€1,150,000).

The said tenement is the property of Moderate Ltd (C17484).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 53/2022.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 23 November 2023.

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2376

B'digriet tas-7 ta' Novembru 2023, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taht biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(5) tal-Kodici tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili (Kap. 12)

B'nota ppreżentata fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-23 ta' Awwissu, 2023 minn Lombard Bank Malta plc bin-numru tar-reġistrazzjoni C1607 qiegħed jitlob illi jidħol bħala kreditur ezekutant ieħor fl-atti tas-subbasta numru 12/23 fl-ismijiet Victor Camilleri KI581757M et vs Lara Investments Limited C24441 fil-konfront tas-soċjetà esekutata Lara Investments Limited bħala garanti solidali tad-debitriċi principali Charter Properties Limited huma naxxenti (i) minn kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Robert Micallef datat t-tletin ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (30.10.2019) liema kuntratt ġie rez eżekuttiv permezz ta' ittra uffiċjali datata l-erbgħa ta' Mejju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (04.05.22); (ii) minn kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Robert Micallef datat l-erbatax ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (14.06.2018), liema kuntratt ġie rez eżekuttiv permezz ta' ittra uffiċjali datata l-erbgħa ta' Mejju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (04.05.2022); (iii) minn kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef datat l-erbatax ta' Lulju tas-sena elfejn u ħmistax (14.07.2015) liema kuntratt ġie rez eżekuttiv permezz ta' ittra uffiċjali datata l-erbgħa ta' Mejju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (04.05.2022); u (iv) minn kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Robert Micallef datat t-tmintax ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (18.11.2016) liema kuntratt ġie rez eżekuttiv permezz ta' ittra uffiċjali datata l-erbgħa ta' Mejju tas-sena elfejn tnejn u għoxrin (04.05.2022).

Illi l-krediti attwali ta' Lombard Bank Malta plc fil-konftront tal-eżekutat Jeffrey Attard u tad-debitriċi prinċipali Charter Properites Limited, sas-sebgħa ta' Awwissu tas-sena

By decree of 7th November 2023 given by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

By a note filed in the Civil Court, First Hall on 23rd August, 2023 by Lombard Bank plc with the registration number C1607 is asking to enter as another executor creditor in the acts of the judicial sale number 12/23 in the names Victor Camilleri (ID581757M) et vs Lara Investments Limited (C24441) against the executed company Lara Investments Limited as surety in solidium of the principal debtor Charter Properties Limited are arising (i) from a loan contract in the records of the Notary Robert Micallef dated thirtieth of October of the year two thousand and nineteen (30.10.2019) which contract was rendered executive by means of an official letter dated the fourth of May of the year two thousand and twenty two (04.05.2022); (ii) from a loan contract in the records of the Notary Robert Micallef dated the fourteenth of June of the year two thousand and eighteen (14.06.2018), which contract was rendered executive by means of an official letter dated fourth May of the year two thousand and twenty two (04.05.2022); (iii) from a loan contract in the records of Notary Bartolomeo Micallef dated fourteenth of July of the year two thousand and fifteen (14.07.2015) which contract was rendered executive by means of official letter dated the fourth of May of the year two thousand and twenty two (04.05.2022); and (iv) from a loan contract in the records of Notary Robert Micallef dated eighteenth of November of the year two thousand and sixteen (18.11.2016) which contract was rendered executive by means of an official letter dated fourth of May of the year two thousand and twenty two (04.05.2022).

The actual creditors of Lombard Bank Malta plc against the executor Jeffrey Attard and the principal debtor Charter Properites Limited, until the seventh of August of the year

elfejn tlieta u għoxrin (07.08.2023) huma (i) tliet mija sebgħa u ħamsin elf, ħames mija u ħdax-il ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€357,511.39), (ii) disgħa mija sebgħa u ħamsin elf, mija tnejn u sittin ewro u sitta u tmien ċenteżmu (€957,162.86), oltre l-imgħaxijiet ulterjuri sal-effettiv pagament, a rigward il-kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Robert Micallef datat l-erbatax ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (14.06.2018); (iii) tnejn u erbgħin elf, mitejn ħamsa u erbgħin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€42,245.37), oltre l-imgħaxijiet ulterjuri sal-effettiv pagament, a rigward il-kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Robert Micallef datat t-tmintax ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (18.11.2016).

two thousand and twenty three (07.08.2023) are (i) three hundred and fifty seven thousand, five hundred and eleven euro and thirty nine cents (€357,511.39), (ii) nine hundred and fifty seven thousand one hunded and sixty two euro and eighty six cents (€957,162.86), oltre further interests until the effective payment, regarding the loan contract in the records of Notary Robert Micallef dated the fourtheenth of June of the year two thousand and eighteen (14.06.2018); (iii) forty two thousand, two hundred and forty five euro and thirty seven cents (€42,245.37), in addition to the further interest until the effective payment regarding the loan contract in the records of Notary Robert Micallef dated eighteenth of November of the year two thousand and sixteen (18.11.2016).

Tant għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u in partikolari għall-finijiet tal-artikolu 346 tal-Kap 12.

Further more for all the purposes and effects of the law, and in particular for the purposes of article 346 of Chapter 12.

Reġistru tal-Qorti Civili Prim'Awla, illum il-Ħamis, 23 ta' Novembru 2023.

Registry of the Civil Court First Hall, today the Thursday, 23rd November 2023.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2377

Permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Lulju, 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Greta Bartolo Parnis vs Joseph Bonett, Rikors Nru 375/2022LC, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Joseph Bonett a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

By means of a decree of the 20th July, 2022 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Greta Bartolo Parnis vs Joseph Bonett, Application Number 375/2022LC, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Joseph Bonett in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Greta Bartolo Parnis vs Joseph Bonett ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fid-29 ta' April, 2023, ir-rikorrenti Greta Bartolo Parnis (KI 331365M) talbet lil dan l-Onorabbli Bord, sabiex:

By means of an application in the names Greta Bartolo Parnis vs Joseph Bonett filed before the Rent Regulation Board, on the 29th April, 2023, the applicant Greta Bartolo Parnis (ID 331365M) requested this Honourable Board so that:

Tiddikajra li l-intimat Joseph Bonett ma' jistax jivvanta ebda titolu ta' lokazzjoni fuq il-proprjetà ossija appartament fl-indirizz 29, Block C, St Julian's Court, Triq is-Sur Fons, San Ġiljan.

Declare that the respondent Joseph Bonett cannot bring forward any title of lease on the property or rather the apartment at the address 29, Block C, St Julian's Court, Triq is-Sur Fons, San Ġiljan.

Tordna l-iżgumbrament tal-intimat Joseph Bonett mill-fond ossija appartament fl-indirizz 29, Block C, St Julian's Court, Triq is-Sur Fons, San Ġiljan, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess intimat minn issa ingunt in subizzjoni.

Order the eviction of the respondent Joseph Bonett from the premises or rather apartment at the address 29, Block C, St Julian's Court, Triq is-Sur Fons, San Ġiljan, with all costs against the same respondent from now summoned so that a reference to his oath be made.

Notifika: Apt 29, Block C, St Julians Court, Triq is-Sur Forns, San Ġiljan.

respondent: Apt 29, Block C, St Julians Court, Triq is-Sur Forns, San Ġiljan.

Ir-rikors fl-ismijiet Greta Bartolo Parnis vs Joseph Bonett, rikors numru 375/2022LC jinsab differit għat-12 ta' Diċembru, 2023 fil-11.50 a.m.

The application in the names Greta Bartolo Parnis vs Joseph Bonett Application Number 375/2022LC has been postponed for hearing to the 12th December, 2023 at 11.50a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 24 ta' Novembru, 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 24th November 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2378

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Ottubru, 2023, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Maria Galea et vs Justin Haber, Rikors Nru 330/2023JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Justin Haber a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Maria Galea (KI 0159288M) u Christopher Galea (KI 11483M) għal kull interess li jista' jkollu vs Justin Haber (KI 278281M) ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fid-9 ta' Ġunju, 2023, ir-rikorrenti Maria Galea (KI 0159288M) u Christopher Galea (KI 11482M) għal kull interess li jista' jkollu talbu lil dan l-Onorabbli Bord, sabiex:

1. Jordna ai termini tal-klawzola 19 tal-iskrittura privata ta' lokazzjoni datata 28 ta' Diċembru 2020, illi l-istess skrittura ta' kera tiġi ddikjarata tterminata, peress illi l-intimat baqa' moruz fil-ħlas tal-pagament iktar minn xahar wara n-notifika lilu tal-ittra uffiċjali innumerata 1163/2023 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn intalab jirregolarizza ruħu mal-pagament;

2. Jordna għar-ragunijiet fuq premessi, lill-intimat sabiex jivvaka mill-fond u ċioè il-ħanut bl-isem originali 'Just Water; (illum 'Just Bubbles') orginarjament bla numru illum bin-numru uffiċjali 54, li jinsab fi Triq Tumas Fenech, Birkirkara inkluża miegħu l-garaxx retropost u jipprefiġġi żmien qasir u perentorju li fih l-intimat għandu jiżgumbra mill-istess fond, ineħħi dak kollu li huwa ħwejġu u jagħti lura c-cwievet u l-pussess battal tal-istess fond, lir-rikorrenti fl-istess stat tajjeb illi kien mgħoddi lilu, u jawtorizza għaldaqstant lir-rikorrenti sabiex jieħdu lura l-pussess tal-fond imsemmi, u dan kollu ai termini tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Jiddikjara illi l-intimat huwa d-debitur tar-rikorrenti għas-somma ta' €9,140 rappreżentanti kwantu għas-somma ta' €1,370 bilanċ ta' kera għall-fond 'Just Water' (illum 'Just Bubbles') għas-sena 2022, kwantu għas-somma ta' €6,570 kera dovuta għall-fond 'Just Water' (illum 'Just Bubbles') għas-sena 2023 u kwantu għas-somma ta' €1,200 kera dovuta għall-garaxx retropost għas-sena 2023, u jiddikjara li l-istess somma hija dovuta mill-intimat lir-rikorrenti;

4. Jordna lill-intimat iħallas dan l-ammont kif mitlub lir-rikorrenti.

By means of a decree of the 23rd October, 2023 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Maria Galea et vs Justin Haber, Application Number 330/2023JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Justin Haber in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an application in the names Maria Galea (ID 0159288M) and Christopher Galea (ID 11483M) for any interest he may have vs Justin Haber (ID 278281M) filed before the Rent Regulation Board, on the 9th June 2023, the applicants Maria Galea (ID 0159288M) and Christopher Galea (ID 11483M) for any interest he may have requested this Honourable Board so that:

1. Order in terms of clause 19 of the private lease agreement dated 28th December 2020, that the same lease agreement be declared terminated, as the respondent remained late in the payment of more than one month after the notification to him of the judicial letter numbered 1163/2023 before the First Hall Civil Court whereby he was asked to regularise himself with the payment;

2. Order for the reasons above premised, the respondent to vacate the premises and namely the shop with the original name "Just Water; (today "Just Bubbles") originally without number today with official number 54, which is situated in Triq Tumas Fenech, Birkirkara included with him the garage situated behind and presupposes a short and peremptory period within which the respondent is to vacate from the same premises, remove all that is his belongings and return the keys and vacant possession of the same premises,to the applicant in the same good state that was passed on to him, and thus authorise the applicant to take back possession of the said premises, and all this in terms of Chapter 69 of the Laws of Malta.

3. Declares that the respondent is the debtor of the applicant for the sum of €9,140 representing as for the sum of €1,370 balance of rent for the premises "Just water" (today "Just Bubbles") for the year 2022, as for the sum of €6,570 rent due for the premises "Just water" (today "Just Bubbles") for the year 2023 and as for the sum of €1,200 rent due for the garage behind it to the year 2023, and declares that the same sum is due by the respondent to the applicant;

4. Order the respondent to pay this amount as demanded to the applicant.

Bl-imgħaxijiet legali fuq l-ammont dovut bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data tal-ittra uffiċjali bin-numru 1163/2023 u bl-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż tal-imsemmija ittra uffiċjali u inklużi l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-istess ismijiet illi ġie ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors maħluf, u bl-inġunzjoni tal-intimat minn issa in subizzjoni.

B'riserva tad-drittijiet kollha spettanti lir-rikorrenti, inklużi dawk relatati mal-eventwali talbiet għal kera u/jew ħlasijiet ulterjuri naxxenti mill-iskrittura privata tal-lokazzjoni datata t-28 ta' Diċembru, 2020, u/jew danni, sad-data taċ-ċediment tal-fond mertu tal-proċedura odjerna.

Rikorrenti: 30, Chrismaya, Triq Grosetto, Is-Swatar, Birkirkara.

Intimati: 34, White Steps, Flat 3, Triq l-Imħażen, Floriana.

Ir-rikors fl-ismijiet Maria Galea et vs Justin Haber, rikors numru 330/2022JG jinsab differit għall-14 ta' Diċembru 2023 fil-10.55 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Novembru 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With legal interest on the amount due at the rate of 8% per annum from the date of the judicial letter with number 1163/2023 and with costs, including the costs of the said judicial letter and including the costs of the precautionary garnishee order in the same names which was filed together with this sworn application, and with the injunction of the respondent from now summoned so that a reference to his oath be made.

